# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2001**

**Numru 87**

**Citaz. numru 464/83 DS**

Michael Angelo Fenech bhala mandatarju ta' Alfred Fenech u b'nota tat-2 ta' Novembru 1989 Alfred Fenech assuma l-atti f'ismu proprju
vs
Joseph Carbonaro bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Abita Mobili Limited

Illum, 13 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' April 1983 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi fis-7 ta' Marzu 1982 l-attur nomine ordna minghand id-ditta konvenuta zewg "Grandfather Clocks with Calendar (last model)" bil-prezz ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580) ghaz-zewg arloggi liema arloggi kellhom jigu konsenjati lill-attur nomine sa l-ahhar ta' Gunju 1982, kif jidher mill-anness "Confirmation Order Note Nru 0479 datata 7 ta' Marzu 1982 hawn esebita bhala Dok. A;

Illi kif jidher mill-annessi rcevuti markati bhala Dok "A" u "C" rispettivament datati 7 ta' Marzu u 6 ta' April 1982 l-attur hallas il-prezz kollu ta' l-imsemmija arloggi;

Illi d-ditta konvenuta ma lestietx u ma kkonsenjatx lill-attur nomine l-arloggi ordnati fid-data u fiz-zmien patwit il-bejgh ta' l-arloggi gie xolt u terminat u ghalhekk l-attur nomine talab lill-konvenut nomine jirrestitwilu l-prezz li kien hallas;

Illi nonostante l-premess, xi tliet gimghat ilu, l-konvenut nomine baghat lill-attur nomine l-kaxxa ta' "Grandfather Clock" (wiehed) minghajr magna;

Illi, minghajr pregudizzju tal-premess, il-kaxxa ta' l-arlogg mibghuta lill-attur nomine hija mahduma hazin, mhux skond is-sengha u l-arti u hija difettuza;

Illi l-attur nomine immedjatament irrifjuta li jaccetta l-konsenja ta' l-arlogg mibghut lill-attur nomine, pero' dan nonostante n-nies inkarigati mid-ditta konvenuta bil-gar ta' l-arlogg irrifjutaw li jergghu jiehdu lura l-arlogg, u ghalhekk hallewh ghand l-attur nomine. In vista ta' dan l-attur kontestwalment ma din ic-citazzjoni ddeposita l-istess kaxxa ta' l-arlogg taht l-awtorita ta' din il-Qorti sabiex il-konvenut nomine jkun jista' jirtiah liberament;

Illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat diversi drabi biex jirrestitwixxi s-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580) mhallsa lilu bhala prezz ta' l-arloggi fuq imsemmija dana baqa' ma hallasx;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara xolt u terminat il-bejgh taz-zewg "Grandfather Clocks" ordnati mill-attur nomine minghand id-ditta konvenuta u dan stante li ma gewx konsenjati fit-terminu espressament patwit.
2. Alternattivament imma minghajr pregudizzju tal-premess tiddikjara li l-kaxxa ta' l-arlogg mibghut lill-attur nomine mhuwiex mahdum skond is-sengha u l-arti u huwa difettuz.
3. Tikkundanna l-konvenut nomine jirrifondi lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580) liema somma giet imhallsa lill-konvenut nomine bhala prezz ta' zewg arloggi li l-bejgh taghhom gie xolt u terminat minhabba nuqqasijiet tal-parti tal-konvenut nomine.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Marzu 1983 u tac-cedola ta' depositu maghmul kontestwalment mal-presenti u b'liema xhied kummercjali mis-6 ta' April 1982 kontra l-konvenut nomine li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni tal-attur nomine in kwantu li tikkonsisti f'azzjoni ghar-rexxissjoni tal-bejgh ta' haga mobbli minhabba difetti, hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1481 tal-Kodici Civili peress li ghadda x-xahar zmien li kellu sabiex jaghmel l-azzjoni redhibitorja l-istess attur nomine.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju mhux minnu illi l-arlogg li gie kkonsenjat lill-attur nomine ma nhadimx skond is-sengha u l-arti, kif mhux minnu lanqas li gie ikkonsenjata kaxxa biss ta' arlogg u cioe' minghajr magna u pendlu.

3 Illi minkejja illi huwa minnu li l-arloggi kellhom jitlestew sa Gunju tas-sena 1982, kien hemm raguni valida ghad-dewmien fil-konsenja, liema raguni giet accettata mill-attur nomine li baqa' juri flimkien mal-familjari tieghu interess fil-konsenja tal-imsemmija arloggi sad-data tal-effettiv konsenja u ghalhekk ma jistax jinghad li gie xolt il-bejgh li sar bejn il-partijiet.

4. Illi l-konsenja ta' arlogg wiehed minn tnejn kienet giet accettata u t-tieni wiehed ma kienx inzamm u fill-fatt ghadu ghand l-attur nomine, ghaliex il-mara ta' Alfred Fenech li mieghu saret l-ordni xtaqet li l-arlogg li kien intenzjonat ghalihom tiehu konsenja tieghu meta jkun Malta r-ragel taghha.

5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Frar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-assistant gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran sabiex jiehu x-xiehda u jircievi dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbali tax-xiehda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

In lineja preliminari l-konvenut nomine eccepixxa li l-azzjoni attrici, in kwantu hija azzjoni redibitorja, hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1481 (illum l-artikolu 1431) tal-Kodici Civili stante d-dekorriment ta' xahar.

Jigi osservat l-ewwelnett li  l-attur qieghed fl-ewwel lok jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgh minhabba morozita` fil-konsenja, u dan a tenur ta' l-artikolu 1385 tal-Kodici Civili. Hija t-tieni talba ta' l-attur li ghandha l-fattispecje ta' l-azzjoni redibitorja u qed tigi proposta bhala talba alternattiva. Stante l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut pero` l-Qorti se tikkonsidra l-ewwel proprju din l-eccezzjoni.

Issa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (a fol. 20, 21 tal-process) il-konvenut jargumenta li c-citazzjoni giet ipprezentata fil-21 ta' April 1983 filwaqt li aktar minn xahar qabel, u cioe` fil-15 ta' Marzu 1983, l-attur nomine permezz ta' l-Avukat tieghu avza lill-konvenut nomine li l-arlogg li gie kkonsenjat "mhuwiex accettabbli"; ghalhekk l-azzjoni ta' l-attur nomine in kwantu hija azzjoni redibitorja, hija preskritta.

Fin-nota responsiva tieghu (a fol. 27 tal-process) l-attur nomine rribatta li anke meta giet ipprezentata c-citazzjoni kien ghadu ma bediex jiddekorri l-perijodu preskrittiv peress li l-konvenut nomine kien ghadu kkonsenja biss il-kaxxa ta' arlogg wiehed minghajr magna li ma jistax jammonta ghal konsenja legali ta' arlogg kif ordnat mill-attur; u fi kwalunkwe kaz l-attur kien ordna zewg arloggi u l-konsenja ta' bicca minn zewg oggetti mixtrija ma jfissirx li jibda ghaddej iz-zmien preskrittiv ta' l-oggetti mixtrija *quid unus*.

Mill-provi jirrizulta li Alfred Fenech kien ordna zewg arloggi minghand is-socjeta` konvenuta fis-7 ta' Marzu 1982 u dan jirrizulta mill-*confirmation order* a fol. 7 tal-process. M'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li hawn si tratta ta' bejgh u mhux ta' appalt.

Michael Angelo Fenech xehed fit-2 ta' Novembru 1989 li meta l-impjegati tas-socjeta` konvenuta marru ghandu (bhala prokuratur ta' huh Alfred) biz-zewg arloggi (u dan kien zmien twil wara li suppost kienet saret il-konsenja), kif nizlu wiehed minnhom u raw li ma kienx tajjeb, qalulhom li ma jriduhx ghax ix-xoghol ma kienx skond is-sengha u mhux

kif miftiehem, u kemm il-materjal kien hazin u kemm ukoll ix-xoghol kien hazin hafna. Hu kompla: “Meta ghidtilhom li mhux ser naccettawh, huma qaluli li stante li sarilna l-hin ser inhallu dan li nizzilna hawnhekk u nkelmu lis-Sur Carbonaro u l-iehor ser nehduh lura.” Meta rega’ xehed fid-19 ta’ Novembru 1993 , huwa qal li “meta jiena ghidt kienu gabu zewg arloggi u hallew wiehed warajhom, ridt nghid li din kienet il-kaxxa ta’ l-arlogg minghajr magna u pendlu”. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu qal li l-kaxxa ta’ l-arlogg giet depozitata l-Qorti kontestwalment mac-citazzjoni.

L-attur ma ressaq l-ebda prova ruhu dwar id-difetti fil-kaxxa ta’ l-arlogg, izda ghalkemm fl-eccezzjonijiet tieghu u dikjarazzjoni annessa l-konvenut nomine nnega li l-arlogg ma nhadimx skond is-sengha u l-arti kif ukoll innega li giet konsenjata kaxxa biss minghajr magna u pendlu, meta xehed Joseph Carbonaro ma kkontestax dak li kien xehed Michael Angelo Fenech, anzi qal li cempel lil Fenech u qallu biex imur il-fabbrika jaghzel kaxxa minn hemm u jehodha. Dwar jekk il-konsenja kenitx ta’ kaxxa biss jew ta’ kaxxa bil-magna u pendlu, mix-xiehda tal-konvenut nomine stess jirrizulta li l-kaxxa tintbaghat zarmata. Ghalhekk huwa ferm verosimili dak li qal Fenech li l-unika haga li hallew ghandu l-impjegati tas-socjeta` konvenuta kienet il-kaxxa ta’ l-arlogg.

Mill-provi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-impjegati tas-socjeta` konvenuta marru biex jaghmlu konsenja ta’ l-arloggi, dawn ma gewx accettati minhabba xoghol difettuz u inoltre kull ma thalliet kienet kaxxa ta’ arlogg. Il-bejjiegh huwa obbligat li jikkonsenja l-haga mibjugha bl-accessorji kollha taghha, fil-kwantita` kollha miftehma u skond il-kwalita` miftehma. Ghalhekk f’dan il-kaz ma jistax jinghad li kienet ghadha saret konsenja legali meta giet intavolata c-citazzjoni u b’hekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine qed tigi michuda.

Permezz ta’ l-ewwel talba tieghu l-attur qieghed jitlob ix-xoljiment tal-bejgh minhabba li l-konsenja ma saritx fit-terminu pattwit. Mill-*confirmation order* jirrizulta li l-ordni saret fis-7 ta’ Marzu 1982 u l-konsenja kellha ssir “late June”. Michael Angelo Fenech xehed li huwa kkomunika diversi drabi mas-socjeta` konvenuta u anke kellem personalment lil Joseph Carbonaro u sa Dicembru 1982 kien ghadu qed jikkomunika maghhom biex jikkonsenjaw l-arloggi. Meta beda jaqta’ qalbu baghat ittra datata 23 ta’ Dicembru 1982 (Dok. D) li tidher li nkitbet minn certu Anthony Vella M.I.A., C.P.A., u hemm is-socjeta` konvenuta giet mitluba tikkonsenja l-arloggi fi zmien hamest ijiem jew tirrifondi l-prezz kollu ta’ Lm580 li kien thallas. Jidher li l-arloggi ntbaghtu f’Marzu 1983 peress li b’ittra ta’ l-Avukat George DeGaetano

datata 15 ta’ Marzu 1983, is-socjeta` konvenuta giet infourmata li l-arlogg “recentement” konsenjat “mhuwiex accettabbli” u li “gie konsenjat ‘il fuq minn sena wara” li kienet saret l-ordni u li “malli gie konsenjat mill-ewwel gejtu informati li ma kienx sejjer jigi accettat”.

L-artikolu 1385 tal-Kodici Civili jipprovdi: “Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista’ jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh stess.”

Huwa evidenti f’dan il-kaz li mhux biss il-bejjiegh ma ghamilx konsenja fiz-zmien miftiehem, izda sahansitra injora l-komunikazzjonijiet tax-xerrej. Il-fatt li bl-ittra tat-23 ta’ Dicembru 1982 il-konvenut nomine nghata hamest ijiem zmien biex jeffettwa l-konsenja ma tistax tippregudika l-pozizzjoni ta’ l-attur anzi tkompli turi l-inadempjenza tal-konvenut nomine. Inoltre jista’ jinghad li sahansitra sad-data tac-citazzjoni kienet ghadha ma saritx konsenja legali. Ghalhekk jezistu l-elementi rikjesti mill-imsemmi artikolu biex l-ewwel talba tigi milqugha. Il-konvenut nomine mhux talli ma ta l-ebda raguni valida ghad-dewmien izda ma ta l-ebda raguni ta’ xejn.

Konsegwentement it-tielet talba biex il-konvenut nomine jigi kkundannat jirrifondi s-somma ta’ Lm580 ghandha tigi wkoll milqugha. Difatti, kif diga` gie osservat, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu Michael Angelo Fenech stqarr li l-kaxxa ta’ l-arlogg li hallew l-impjegati tas-socjeta` konvenuta giet depozitata l-Qorti u inoltre l-artikolu 1209 tal-Kodici Civili jipprovdi li bir-rexissjoni ta’ kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort’ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim u kull parti ghandha trodd lill-ohra dak li tkun rceviet jew dahlet b’effett jew bis-sahha tal-kuntratt.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici, tilqa’ l-ewwel u t-tielet talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara xolt u terminat il-bejgh taz-zewg “grandfather clocks” ordnati mill-attur minghad is-socjeta` konvenuta stante li ma gewx konsenjati fit-terminu espressament pattwit, u
(2) tikkundanna l-konvenut nomine biex jirrifondi lill-attur is-somma ta’ hames mija u tmenin liri Maltin (Lm580) imhallsa bhala prezz taz-

zewg arloggi li l-bejgh taghhom gie issa dikjarat xolt minhabba nuqqasijiet da parti tal-konvenut nomine

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine u bl-imghax kif mitlub.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur